MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2007

Numru 76/2006

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Stephen Stellini ta’ 25 sena iben George u Maria Dolores nee Felice mwieled Pieta fis-26 ta’ Novembru 1980, residenti Block 2 Flat 10 Triq id-Deheb Fin Qormi, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 560880M.

U

Shaunvic Camilleri ta’ 16-il sena iben Antoinette Camilleri mwieled Pieta’ fil-11 ta’ Dicembru 1989 u residenti Block XIII Flat 7 Pjazza PP Psaila Qormi, detentur ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 12990M.

Akkużati talli fid-29 ta’ Dicembru 2005 u fil-ġranet ta’ qabel f’Malta assocjaw ruħhom ma xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f’Malta li għalih hemm il-piena ta’ priġunerija, u li ma kienx

delitt taħt l-Att dwar l-Istampa u dan ai termini ta' l-artikolu 48A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli fid-29 ta' Diċembru 2005 għall-ħabta tat-13.00hrs ġewwa Triq ix-Xatt Ġzira, u fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer, serqu lil Patricia Pearsol, anzjana ta' 73 sena, liema serq huwa aggravat bil-valur u dan bi ksur ta' l-artikoli 261c u 267 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli fid-29 ta' Diċembru 2005 u fil-ġranet ta' qabel xjentement xtraw jew laqgħu għandhom oġġetti misruqa li l-valur tagħhom jeċċedu il-mitt Lira Maltin, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħr li jkun indaħlu biex jbiegħhuhom jew imexxuhom u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-aħħarnett Stephen Stellini waħdu akkużat talli sar riċediv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liem sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' kull wieħed mill-imputati, dak ta' Shaunvic Camilleri bin-numru 129 ts-sena 1990 u dak ta' Stephen Stellini bin-numru 5608 tas-sena 1980; il-fedina penali taż-żewġ imputati; id-dikjarazzjonijiet tagħhom li ma għandhom ebda diffikulta li dan il-każ ikun wieħed sommarju, id-dikjarazzjoni ta' Shaunvic Camilleri li kien ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh; id-divjet mill-Qorti li isem l-imputat Shaunvic Camilleri ma kellux jidher għaliex dan kien taħt is-16-il sena; id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-imputazzjoni numru 4 fil-konfront ta' Stephen Stellini kienet sentenza liberatorja u allura ma hemmx riċediva; id-dikjarazzjoni ta' Stephen Stellini li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh; it-talba tad-difiża li jsir pre-sentencing inquiry report fuq iż-żewġ imputati; l-ordni ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji bid-data tat-2 ta' Marzu 2006; l-istqarrijiet taż-żewġ imputati; ir-rapporti tal-Probation Officers li kienu nkarigati biex jagħmlu tali rapporti kif wkoll id-dikjarazzjoni ta' l-uffiċjal prosekutur li kien qed jirtira l-ewwel imputazzjoni u dan peress li ma tinkwadrax ma dan il-każ.

Stante li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontriehom, dawn ġew ppruvati skond il-liġi. B'dan pero li l-Qorti qed tikkonsidra li l-ewwel imputazzjoni kienet rtirata mill-prosekuzzjoni fit-13 ta' Lulju 2007 waqt li r-raba' imputazzjoni li kienet biss kontra Stephen Stellini kienet wkoll rtirata minħabba li s-sentenza li hemm referenza għaliha kienet waħda liberatorja u allura ma jistax jkun hemm ir-riċediva. Rat li t-tielet imputazzjoni hija alternattiva għat-tieni waħda.

Il-Qorti, wara li rat fil-konfront taż-żewġ imputati, l-Artikoli 48A, 261(c), 267, 279(a) u 334 tal-Kap 9 qed ssibhom t-tnejn ħatjin tat-tieni imputazzjoni waqt li mhix tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel imputazzjoni għax ġiet rtirata u lanqas tat-tielet imputazzjoni minħabba li din hija alternattiva għat-tieni waħda u fil-konfront ta' Stephen Stellini biss, wara li rat l-Artikoli 49 u 50 tal-kap 9 u wara li rat li s-sentenza li hemm referenza għaliha kienet waħda liberatorja, qed tillberah mir-raba' imputazzjoni.

Dwar il-piena, il-Qorti wara li kkonsidrat dak li kellhom xi jgħidu l-Probation Officers li ħejjew ir-rapporti fuq iż-żewġ imputati, flok tikkundanna liż-żewġ imputati, qed tpoġġiehom taħt il-ħarsien ta' Probation Officer għal żmien sentejn millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 liż-żewġ imputati fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------